MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2007

Rikors Numru. 33/2000/1

Rikors Nru: 33/2000

Agent Kummissarju ta' l-Art

vs

Marlene Debono

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti Kummissarju ta' l-Art pprezentat fis-27 ta' Gunju, 2000 fejn espona:

Illi l-intimata giet notifikata b'Avviz ghall-Ftehim datat 22 ta' Mejju 2000 fejn giet infurmata li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-fond fl-Imsida numru 26 fi Triq il-Kuncizzjoni huwa ta' tlett elef u hames mitt lira Maltija (Lm3500) kif jidher mir-rapport tal-Perit Joe Mizzi A&CE tal-24 ta' April 2000 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tal-1 ta' Gunju 2000 l-intimata fost affarijiet ohra tiddikjara li ma taccettax il-kumpens offert u titlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta' mhux anqas minn ghaxart elef lira Maltija (Lm10,000).

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimata biex tittrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-fond fuq imsemmi, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun qed jagixxi minn floku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra r-risposta pprezentata mill-intimata fl-1 ta' Gunju, 2000 fejn esponiet:

Bil-prezenti Marlene Debono tirreferi ghall-Avviz Ghal Ftehim datata 22 ta' Mejju 2000 relattiva ghax-xiri assolut bhala frank u liberu tal-fond numru 26, Triq il-Kuncizzjoni Msida u tgharrfek illi l-ammont offrut ta' tlett elef u hames mitt lira (Lm3,500) mhux accettabbli.

Il-mittenti tippretendi kumpens ta' mhux anqas minn ghaxart elef lira Maltija (Lm10,000) u dana mehud in konsiderazzjoni l-istat hazin tal-fond kif ukoll l-arja superficjali ta' l-istess fond.

Bl-ispejjez.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra li l-partijiet gew debitament notifikati.

Ra d-digriet tieghu li bih gew  mahtura periti teknici l-AIC Frederick Valentino u l-AIC David Pace.

Ra r-relazzjoni ta’ l-imsemmija periti.

Ikkkunsidra:

1. Dan il-fond gie mwaqqa’  biex jinbnew djar godda fl-Imsida.

2. Il-Perit Joseph Mizzi ghar-rikorrent kien mar fuq il-post meta dan kien ghadu dilapidat. Qabel il-fond kien mikri Lm30 fis-sena.

3. Il-perit Saviour Borg ghall-intimata meta acceda fuq il-post sabu wkoll dilapidat.

4. Zewg intimata, jiftakar il-fond kif kien u jaghti deskrizzjoni tieghu.

5. Il-periti mahtura mill-Bord, fir-rapport taghhom ighidu li l-fond kien jokkupa arja ta’ madwar 88m.k. Ghandu stima tal-fond bhala proprjeta’ fabbrikabbli u waslu ghal kumpens ta’ Lm10,000,  kemm talbet l-intimata fir-risposta taghha. Il-Bord jaghmel tieghu r-rapport tal-periti li ghandu jaghmel parti shiha minn din is-sentenza.

Ghalhekk il-Bord qed jilqa’ t-talbiet tar-rikorrent u jordna lill-intimata li tghaddilu b’titolu ta’ xiri assolut bhala liberu u frank li darba kien numru 25, fi Triq il-Kuncizzjoni l-Imsida bil-kumpens ta’ Lm10,000 bhala proprjeta’  fabbrikabbli.

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku bhala n-nutar tar-rikorrent biex jippubblika l-att fl-ufficju tar-rikorrent nhar l-Erbgha 14 ta’ Marzu, 2007 fid-09:00a.m.; jahtar lill-Avukat Dottor Richard Sladden biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci, u ghandu jigi mgharraf b’din il-hatra bil-miktub mir-rikorrent.

Billi l-ammont mitlub mill-intimata hu dak moghti mill-periti mahtura mill-Bord, l-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------